**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can), Ph.D.**

**Appell Nru: 458 / 2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Raymond Camilleri**

Illum, 5 t'April 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Raymond Camilleri, ta' 59 sena bin Anthony u Carmela nee' Farrugia mwieled iz-Zurrieq, fl-10 ta' Novembru, 1958, residenti fil-fond numru 37, Evergreen, Triq il-Kwarta, Swieqi u detentur tal-karta tal-identita' numru 751058 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Fl-4 ta' Novembru 2017, gewwa Bormla, wara ntervent u tfittxija li saret mill Ufficjali tad-Dwana u tal-Pulizija f' vettura tal-ghamla Peugeot Partner bin-numru ta' registrazzjoni LCH 639 li giet intercettata fi Triq Karmenu Mifsud Bonnici, San Gwann t' Ghuxa, Bormla u sussegwentement fl-istess gurnata, wara tfittxija gewwa r-residenza tieghu 37, Evergreen, Triq il-Kwarta, Swieqi, xjentement instab li kellu fil-pussess tieghu u/jew taht il-kontroll tieghu, kif ukoll laqa' ghandu, zamm jew ukoll kellu b' xi mod x' jaqsam fil-garr, twarrib, habi jew depozitu ta' sigaretti bla dazju, fi kwantita kif deskritt hawn taht u dan bil-hsieb li jigi ffrodat il-Gvern minn Dazji u t

Taxxa li jkun imiss jithallas fuqhom jew biex tinheles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dawn is-sigaretti;

1. Sigaretti li nstabu fil-vettura gewwa San Gwann t' Ghuxa Bormla;
   a. 150 kartuna b' 200 sigarett kull kartuna -Business Royals Red
   b. 5 kartuniet b' 200 sigarett kull kartuna -Oris Super Slims Lights

2. Sigaretti li instabu gewwa ir-residenza tal-Ibragg Swieqi;
   a. 3 kartuniet b' 200 sigarett kull kartuna -Marlboro Red
   b. kartuna b' 7 pakketti b' 20 sigarett kull pakket -Marlboro Red
   c. 6 pakketti b' 20 sigarett kull pakkett -American Legend

Dawn is-sigaretti li l-importazzjoni u l-pussess taghhom huma pprojbiti u/jew ristretti u/jew limitati ghandhom valur totali ta' €918.14 Dazju tas-sisa dovut ta' €5,536.07, kif ukoll Dazju ta' importazzjoni u taxxa fuq il-valur mizjud (V.A.T) li jammontaw ghal- €528.84 u €1,256.95 rispettivament fejn liema Dazji u Taxxa ma kienux gew imhallsa u/jew kawtelati u dan bi ksur tal-artikolu 80 tal-Att XXIII tal-1998.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-Gordon Grech ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba li f' kaz ta' htija, tordna l-konfiska tal-vettura li biha twettaq ir-reat, kif ukoll tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tas-sigaretti misjuba abbord.

Rat il-letter to prosecute datata 8 ta' Novembru, 2017, mahruga mid-Direttur Generali (Dwana) esebita bhala a folio 19 u l-letter to prosecute datata 9 ta` Novembru, 2017, mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi esebita a folio 24;

F' kaz ta' htija il-Qorti hija mitluba titratta mal-imputat bhala recidiv u dan wara li nghata diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati Malta liema sentenzi huwa definittivi u ma jistghux jibu mibdula skond l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-10 ta' Dicembru, 2021, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 31 u 49 tal-Kapitolu 9, l-Artikoli 60 (a) (b) (k), 62 (f) (g) (h) (i) (k), paragrafu (a) tal-proviso tal-Artikolu 62, 68 (1), 69 (1) (2) tal-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37, l-Artikoli 16 (1) (j), 17 (1) (a) (d) u 17 (2), r-Regolament 7 tat-Taqsima C fis-sitt skeda, tal-Att dwar Dazju tas-Sisa Kapitolu 382, u l-Artikolu 80 ta' l-Att XXIII ta l-1998 (Kap 406), ilkoll tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Raymond Camilleri, bhala recidiv biss fit-termini ta` l-Artikolu 49 tal-Kap 9, hati tal-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u:

1. Ikkundannatu ghal sitt (6) xhur prigunerija;

2. Ikkundannatu wkoll ghall-hlas ta multa fis-somma ta' €18,194.71 li terz minnha ossia €6,064.90 huma pagabbli minnufih bhala dejn civili lid Direttur Generali (Dwana), u l-bilanc ossia €12,129.81 ghandu jithallas skond il-ligi;

3. Ordnat wkoll il-konfiska skond il-ligi tas-segwenti:
   A. tas-sigaretti/tabakk esebiti w indikati fin-nota ta' Qbid 219/2017 ilkoll Dok JG 2; u
   B. tas-somma ta' €2,500 li tirrapprezenta u ssostitwiet il-vettura LCH 639 (originarjament elevata izda sussegwentement rilaxxata).

Rat ir-rikors tal-appellanti Raymond Camilleri minnhu pprezentat fit-23 ta' Dicembru, 2021, fejn talab lil din il-Qorti jitlob li din l-Onorabbli Qorti:

a. tibdel u tirriforma s-sentenza mghotija mill-ewwel Qorti u jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha tilqa dan l-appell billi thassar u tirrevokaha s-

sentenza appellata fejn sabitu hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u minflok tiddikjarah mhux hati taghhom u konsegwentament tilliberah minn kull imputazzjoni htija u piena jew sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghal dak appena espost, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Bir-rispett u salv sottomissjonijiet ulterjuri waqt it-trattazzjoni u s-smiegh tal-appell odjern.

Rat illi l-appellanti hass ruhu aggravat mis-Sentenza mghotija mill-ewwel Onorabbli Qorti u jinstab jinterponi dan l-umli appell stante s-segwenti aggravji;

**L-Ewwel Aggravju**

Illi fid-decizjoni mghotija mill-ewwel Qorti jirrizulta manifest illi r-risultanzi processwali kienu nieqsa mill-grad tal-prova rikjest mill-prosekuzzjoni tant li l-ewwel Qort senjatemnt tghid (pg 4 decide);

*"Illi l-imputat inghata ricevuta, dokument "items withheld ", kemm ghat-tabakk li* ***deher li kien bla dazju****, kif ukoll ghall-vettura Peugeot LCH 639, li kienet qieghda tintuza fiz-zamma tas-sigaretti illegali. "*

Illi l-aggravju manifest jikkonsisti fil-fatt illi l-ewwel Qorti stess irrimarkat u ddikjarat li l-imsemmija sigaretti dehru li kienu bla dazju.

Illi l-kamp penali jorbot il-Prosekuzzjoni u l-Qorti bl-ahjar prova u jekk jesisti dubju dan ghandhu jmur dejjem favir l-imputat. Il-presunzjoni li l-ogetti misjuba kienu effettivament tabakk qatt ma tressqet. Dan huwa l-punto di partenza li kellha tibda bih il-prosekuzzjoni sabiex tipprova l-kaz taghha. Dan ma sarx fil-kaz odjern.

Illi l-esponenti jaghmel referenza ghall-kaz identiku li ghandhu jsegwi bhala insenjament u gurisprudenza ta' linja gwida dwar in-nuqqas tal-prova kardinali jekk in effetti il-merkanzija misjuba kienitx efeetivament tabakk u jsegwi li jekk din il-prova mhijiex been ppruvata ma jsitghux jsegwu n-nuqqasijiet dwar nuqqas ta' hlas ta' Dazju u Sisa bi Ksur tal-Kapitolu 37 u Kapitolu 382 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-kaz ippronuncjat mill-**Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can) ,Appell Nru: 312 / 2018 fl-ismijiet Il-Pulizja Spettur Ian Joseph Abdilla ,Spettur Anna Marie Micallef, Spettur Yvonne Farrugia Vs Michael Borg et tal-15 ta' Jannar 2019** jikkonferma illi l-prosekuzjoni jehtieg tressaq bhala prova kardinali l-prova li effetivament l-oggetti u cioe s-sigaretti mertu tal-kaz huma effettivament sigaretti fis-sens li huma kosnistenti f' tabakk.

Illi b' mod totalment identiku mhux biss ma tresqitx il-prova li l-prodott u sigaretti kienu konsistenti f' tabakk illi mill-atti processwali hekk kif gara fil-kaz kkwotat ma saret ebda Inkjesta Magisterjali u ma tqabbdu ebda esperti sabiex jikkonfermaw li effetivament l-ogetti maqbuda kienu effetivament tabakk.

Mhux bizzejjed li giet esebita *letter to prosecute* u *seizure note* u jitilghu diversi xhieda jelenkaw lista ta' ammonti u deskrizzjoni ta' dak li **jidhru sigaretti** minghajr ma l-prosekuzjoni tressaq jew titlob nomina ta' espert li jikkonferma effettivament li dawn huma tabakk.

**Illi l-appellant Raymond Camilleri jissottometti li fid-dawl tal-fatt li l-Prosekuzzjoni akkuzatu b' kuntrabandu ta' sigaretti, kif ukoll fid-dawl tal-principju legali ' *onus probandi incubit ei qui dicit'* , l-obbligu bazilari tal-Prosekuzzjoni kien li tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li effettivament il-kontenut tal-merkanzija kien effetivament tabakk.**

L-appellant jissottometti li dan qatt ma sar u konsegwentement il-Qorti kellha tistrieh fuq dikjarazzjonijiet li ghamlu x-xhied tad-Dwana. Ghalkemm gew prezentati ritratti tal-merkanzija li juru kaxxi li normalment jintuzaw ghal sigaretti, l-appellant jissottometti li l-Prosekuzzjoni assumiet illi gialadarba huma ppakjati b' dan il-mod, il-kaxex kienu jikkontjenu s-sigaretti.

L-appellant jissottometti li tifli kemm tifli l-atti processwali, imkien ma jigi ppruvat li l-imsemmi kartun kien jikkontjeni pakketti tas-sigaretti u in oltre imkien ma gie ppruvat illi l-imsemmija pakketti kienu effettivament jikkontjenu sigaretti maghmula mit-tabakk. Jissottommetti li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipproduci imqar ritratt wiehed tal-kontenut tal-imsemmija pakketti sabiex setgha jigi kkonfermat illi l-kontentenut tal-merkanzija de quo kienu sigaretti.

L-artikolu 638(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li l-appellant jinstab jaghmel referenza ghalih jaqra:

***'Bhala regola, ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti, u li ma jithalla barra ebda xhud li x-xiehda tieghu tkun importanti.'***

Illi fil-kaz supra citat Pulizija vs Michael Borg jinghad ; " L-appellant in segwitu ta' numru ta' mistoqsijiet, jisottometti li fin-nuqqas ta' prova xjentifka u oggettiva minn espert indipendenti u imparzjali illi tipprova lil hin minn kull dubju dettat mir-raguni li tali merkanzija kienet kontenenti sigaretti kif ukoll fin-nuqqas ta' imqar provi ohrajn li jipprovaw x' kien il-kontenut gewwa l-istess kaxex u kartun, fin-nuqqas ta' prova li l-kontenut tal-imsemmija merkanzija kienet suggetta ghal ligijiet doganali u fiskali Maltin, l-appellant hu tal-fehma li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu sal-grad tac-certezza morali. Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **' Il-Pulizija (Supretendent Simon Galea) (Spettur Frank Anthony Tabone) vs Charles Paul Muscat'** Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar is-27 ta' Marzu, 2018

(Numru: 54/2013) fejn ghalkemm b' mertu kompletament differenti ghal dan in kwistjoni, gie kkunsidrat li:

*'Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*F' dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b' applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.*

*Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension** -1974 -ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

*Fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker** (Qorti tal-Appell Kriminali - deciza fid-19 ta' Mejju, 1997) gie ritenut illi:*

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

*Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x' jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b' verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provediment iehor.'*

Illi minn naha l-ohra, l-Avukat Generali fit-trattazzjoni tieghu jaghmel referenza ghall-artikolu 77 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta u jissottometti li l-oneru tal-prova kien fuq l-imputati. Dan l-artikolu jaqra:

*' Jekk meta jigu mitluba lura oggetti, maqbuda minhabba nuqqas ta' hlas ta' dazju, jew ghal raguni ohra li ggib maghha l-konfiska, inkella fi procedimenti ghall-gbir ta' xi piena ta' flus jew xort' ohra skont din l-Ordinanza **tinqala' kwistjoni dwar jekk id-dazju li jmiss fuq dawk l-oggetti kienx gie mhallas, jew jekk dawk l-oggetti kienux gew importati jew trasburdati jew zbarkati skont il-ligi, jew dwar il-lok minn fejn kienu gew dawk l-oggetti**, f' kull wiehed minn dawn il-kazijiet il-prova tieghu tmiss lill-persuna li taghmel dik it-talba jew lill-imputat li kontra tieghu jsir dak il-procediment, skont il-kaz.'*

Illi l-Qorti sejra tibda billi taghmel referenza ghal gurisprudenza li trattat fost suggetti ohra, il-kwistjoni tal-oneru tal-prova fl-ambitu tal-artikolu 77 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta. Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Carmelo Magri) vs Raymond Camilleri'** deciza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar is-27 ta' Gunju, 2014 (Numru: 97/2006) gie kkunsidrat li;

*' Fit-tielet lok l-imputat gie akkuzat talli fuq talba tal-Kontollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tal-VAT talli fit-23 ta' Settembru 2004 u/jew f' xi data qabel f' dawn il-gzejjer xjentement laqa' ghandu numru t' oggetti kif deskritti fl-akkuza migjuba mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat.*

*Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' dak li l-avukat difensur ta' l-imputat sostna u cioe' li jispetta lill-Prosekuzzjoni tipprova li l-oggetti kienu gew impurtati Malta u d-dazju ma giex imhallas fuqhom. Bir-rispett kollu, il-Qorti ma taqbilx ma' din il-linja difensjonali ghaliex, skond l-* ***Artikolu 77 tal-Kap 37*** *u cioe' l-Ordinanza tad-Dwana, il-legislatur ried li l-oneru tal-prova li, kuntrarjament ghal dak li jigri fil-maggor parti tal-kawza penali, jaqa' fuq l-imputat. Dan l-artikolu jipprova tlett cirkostanzi kuntrarjament ghal dak li tipprovdi l-legislazzjoni Ingliza, huwa l-imputat li jrid jipprova:*

*a. li d-dazju tad-Dwana gie mhallas fuq l-oggetti maqbuda;*
*b. li l-oggetti maqbuda gew impurtati jew trasportati legalment;*
*c. jipprova l-post minn fejn originaw l-oggetti.*

*u ghalhekk f' dawn it-tlett kazi biss l-oneru tal-prova gie spustjat minn fuq il-Prosekuzzjoni ghal fuq l-imputat.'*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija versus Victor Calleja'**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' Awissu, 1990 gie kkunsidrat li;

*'Fil-kawza Pulizija vs Mario Scicluna deciza fis-7 ta' Marzu, 1985 il-Qorti ta' l-Appell kkonfermat il-principju li a tenur ta' l-artikolu 77 tal-Kap. 37, meta fi procediment taht dak il-kap tinqala' kwistjoni dwar jekk id-dazju fuq oggetti partikolari kienx gie mhallas jew dwar minn fejn jew kif dawn l-oggetti gew akkwistati, il-prova ta' dan taqa' fuq l-imputat;*

*In sostenn ta' tali principju, il-Qorti ccitat sentenzi ohrajn u kompliet izzid hekk: "kull prova ghalhekk li l-Prosekuzzjoni trid taghmel hi inskritta minn dan l-artikolu u permezz tieghu jidher car li l-prova li prosekuzzjoni trid taghmel hi li ma jirrzultalhiex li thallas id-dazju. Minn hemm 'il quddiem l-oneru tal-prova hu mixhut fuq l-imputat";*
*Dan mela ghar-rigward ta' l-artikolu 77 tal-Kap.37;'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **' Il-Pulizija (Sp. Joseph Cordina) vs Roderic Tanti ta' 32 sena, iben John u Carmen nee Friggieri, imwieled tal-Pieta' fis-7 ta' Awissu, 1968, u li**

**joqghod fl-indirizz ' Earls Court' , Flat 5, J. F. Mark Street, San Gwann, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 336168 (M) Joseph Fenech ta' 46 sena bin Gregory u Beatrice nee Frendo, imwieled B' Kara fit-2 ta' Novembru, 1954, u li joqghod fl-indirizz ' Alexandra' , Flat 5, Sacred Heart Ave. San Giljan, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 823954 (M) Christopher Cutajar ta' 27 sena, bin Paul u Mary nee Caruana, imwieled tal-Pieta' fil-15 ta' Settembru, 1973 u li joqghod fl-indirizz ' Marpa' , Psaila Street, Birkirkara, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 494073 (M)** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-25 ta' Gunju, 2004 (Numru. 98/2001) fost kunsiderazzjonijiet ohra kkunsidrat li;

*' Harsa lejn ir-relazzjoni tal-Perit Richard Aquilina li l-Qorti ga ddecidiet li hi wahda ammissibbli f' dawn l-atti, wiehed isib li l-istess Perit Aquilina zamm access fis-26 ta' Dicembru, 2000 fis-sitta neqsin ghaxra ta' filghaxija, u iehor fit-tmienja neqsin kwart ta' filghaxija gewwa Triq ir-Rumanzier l-Iklin u Pinto Wharf rispettivament, ghalhekk il-Perit Aquilina dawn l-accessi zammhom f' dik id-data riflessa fl-akkuza. Fl-access il-Perit Aquilina qua espert tal-Qorti ikkonstata l-oggetti li sab, cioe it-truck bin-numru KAD-978 li fih kien hemm zewg pellets mghobbija b' kaxxi tax-xorb issigillati gol-polythene abjad, ikkonstata wkoll li kien hemm garage numru 5 li go fih kien hemm sitt pellets mghobbija bil-kaxxi tax-xorb liema kaxxi kienu ssigillati bil-polythene abjad, ikkonstata wkoll li fuq in-naha ta' quddiem lejn il-bieb kien hemm pellet immarkata Stainless Steel Products Limited. Qal ukoll li l-pellets gol-garage tghabbew fil-container truck u dawn ittiehdu go Pinto Wharf Sea Terminal fejn il-kaxxi kollha nfethu u wara li l-fliexken gew ezaminati (enfazi tal-Qorti) tqeghdu lura fil-kaxxi fuq il-pellets. Il-Perit fil-kors ta' l-inkjesta ghamel inventarju pellet pellet tal-fliexken, l-ismijiet tal-fliexken u l-ammont tal-fliexken li kien hemm. Fil-fatt insibu, per ezempju, li fl-ewwel pellet il-Perit ikkonstata li kien hemm fliexken ta' Smirnoff Vodka u sab 45 kaxxa ta' tnax-il flixkun ta' litru, fil-pellet numru 5 sab Dewars Scotch Whisky, 25 kaxxa ta' tnax-il flixkun ta' litru, kien hemm fliexken minghajr tapp, sab anke Smirnoff Vodka hmistax-il kaxxa tat-tnax-il flixkun tal-litru u kkonstata li kien hemm flixkun nieqes. Ikompli fil-fatt il-Perit bl-elenku tieghu f' dan l-inventarju (vide relazzjoni Dok RA fol 84-97).'* L-istess Qorti kkunsidrat:

*'Jidher pero' li l-kontestazzjoni primarja tad-Difiza hija* ***dwar il-kontenut li hemm f' dawn il-fliexken, mhux daqstant in-numru tal-fliexken****. Fil-fatt anke mit-trattazzjonijiet jidher li d-Difiza qeghda tikkontesta l-grad tal-prova li ghaliha waslet il-Prosekuzzjoni in kwantu ghall-fatt li* ***qatt ma gie mqabbad espert biex jistabilixxi x' kien il-kontenut tal-fliexken*** *maqbuda u cioe biex jistabilixxi jekk tali fliexken kinux mimlija bil-whisky u vodka kif allegat. Illi fil-fatt waqt dawn it-trattazzjonijiet tad-Difiza gie anke sollevat ezempju li jekk persuna tinqabad tpejjep hemm bzonn u necessita' ta' espert li janalizza jekk is-sigarett li qed jitpejjep hux sigarett li komunement wiehed ipejjep cioe dak kontenenti nikotina jew hux wiehed maghmul minn sustanza tossika per ezempju haxixa.*

*Il-Qorti in determinazzjoni ta' din il-lanjanza se taghmel referenza ghall-artiklu 546 (2) tal-Kap 9, specifikament ghall-proviso ta' l-istess artikolu liema proviso jghid hekk "Izda fejn jirrizulta l-fatt li dwaru ma tkunx saret investigazzjoni taht dan is-subartikolu (l-inkjesta) kien jikkostitwixxi reat li ghalih kienet tinghata l-piena msemmija f' dan is-subartikolu, n-nuqqas li tinzamm investigazzjoni taht dan is-subartikolu m' ghandux, ghal dik ir-raguni biss, jippregudika b' kull mod li jkun li jinbdew jew jitkomplew procedimenti kriminali ghal dak ir-reat jew l-ammissibilta' ta' kull prova dwar dak ir-reat f' dawk il-procedimenti."*

*Dan il-proviso jaghmilha cara li biex isir procediment kriminali jew il-kontinwazzjoni ta' tali procediment kriminali mhux necessarju li ssir dejjem inkjesta Magisterjali. Fil-fatt hu ben maghruf u notorju li hafna mill-kawzi jitressqu l-Qorti biss a bazi ta' investigazzjoni tal-Pulizija u ma jkunux soggetti ghal inkjesta Magisterjali. F' dan il-kaz l-inkjesta saret. F' dan il-kaz ukoll il-Magistrat Inkwirenti ma hassx il-bzonn li jitqabbad espert biex jikkonstata l-kontenut tal-fliexken. Fil-fatt il-bzonn li hass il-Magistrat Inkwirenti kien li jikkonserva dawk l-istess fliexken u ghaldaqstant ghal dan l-iskop tqabbdu espert tal-fotografija kif ukoll il-Perit Aquilina li kif ga ntqal ghamel id-debita nventarju ta' dak kollu li kkonstata. Ma jreggix, fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-paragun li gabet id-Difiza bejn it-tipjip tal-haxixa u l-alkohol. Tfakkar il-Qorti li l-alkohol hu oggett komunement ikkunsmat, u hu likwidu li fil-maggoranza tan-nies jew ahjar hafna min-nies huma familjari mieghu. Mhux hekk fil-kaz tad-droga. Ghalhekk ma thossx il-Qorti li f' dan il-kaz kien jehtieg biex jigi pruvat li l-kontenut tal-fliexken bit-tabelli whisky u vodka kien verament il-likwidu whisky u vodka, li kellu jitqabbad espert.*

*Din il-Qorti hi konfortata bil-fatt li in kwantu kien hemm fliexken tax-xorb miksurin, kien hemm riha ta' xorb bizzejjed biex wiehed jasal ghall-konkluzjoni ta' x' kien dak ix-xorb. Tfakkar ukoll din il-Qorti li kif xehdu diversi nies, dan anke jirrizulta mil-listi ta' inventarju msemmija u anke mil-listi maghmula min-nies tad-Dwana, li kien hemm fliexken miftuhin kif ukoll miksurin, ghalhekk kif anke xehed per ezempju l-Ispettur Cordina fost l-ohrajn, a fol 72 tal-process, mir-riha stess wiehed seta' jikkonstata l-kontenut ta' l-istess fliexken.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur K. Elul Bonici) (Spettur Michael Cassar) Vs Sydney Ellul Sullivan'** kienet laqghet l-appell tal-Avukat Generali wara li fost numru ta' kunsiderazzjonijiet ikkunsidrat li:

***' Piz tal-prova. Art 77 Kap 37.***

*L-ewwel aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-artikolu 77 tal-Kap 37 ta' l-Ordinanza tad-Dwana li jitkellem dwar il-piz tal-prova f' kaz ta' kuntrabandu. L-appellant qed jissottometti li legalment l-ewwel Qorti qatt ma setghet tasal ghal konkluzzjoni li waslet ghaliha minhabba dak li jiddisponi l-artikolu 77 ta` l-Ordinanza tad-Dwana. Illi, a tenur ta` dan l-artikolu, meta fi procediment taht l-Ordinanza tad-Dwana tinqala kwistjoni dwar jekk id-dazju fuq oggett partikolari kienx gie mhallas, il-prova ta` dan taqa' fuq l-imputat. Il-prova li l-prosekuzzjoni trid taghmel hi li ma jirrizultalhiex li thallas id-dazju. Minn hemm ' l quddiem l-oneru tal-prova hu mixhut fuq l-imputat. Skond l-appellant mill mument li l-prosekuzzjoni taghmel tali prova, ikun jispetta lill-imputat li jaghmel l-prova, imqar fuq bazi ta` probabilta' , li d-dazju kien thallas regolarment. Skond l-appellant minn imkien mill-atti processwali ma jirrizulta li saret din il-prova mill appellat. Infatti jekk wiehed jara s-sentenza ta' l-ewwel Qorti, wiehed jinduna li dan l-artikolu gie njorat ghal kollox u lanqas biss jissemma fis-sentenza u l-Qorti lliberat lill-appellat proprju minhabba l-fatt li, skond hi, l-prosekuzzjoni ma lahqietx il-grad ta' prova rikjest fil-kamp penali. L-appellant jirritjeni li f' dan il-kaz il-prosekuzzjoni marret hafna oltre dak li legalment kien mistenni minnha u ppruvat effettivament li d-dazju ma kienx thallas. Ghalhekk biss, minghajr pregudizzju ghall-aggravji li jissemmew iktar `l quddiem, l-appellant isostni li l-ewwel Qorti kellha ssib htija fl-imputat appellat.*

*L-appellat isostni invece li quddiem l-ewwel Qorti fis-sottomissjonijiet finali taghha bil-miktub, il-prosekuzzjoni ma ghamlet ebda accent ghall artikolu 77 tal-Ligi tad-Dwana u ghalhekk mhux sew illi l-ewwel il-prosekuzzjoni ma taghmilx certa sottomissjoni quddiem l-ewwel Qorti imbaghad **tistenna** li meta jsir l-appell taghmel dawn is-sottomissjonijet u tikritika lil l-ewwel Qorti ghax ma hadithomx in konsiderazzjoni.*

*Illi jirrizulta li effettivament dan l-artikolu gie njorat ghal kollox mill l-ewwel l-Qorti, izda l-piz tal-prova kellha tkun konsiderazzjoni ewlenija li l-ewwel Qorti kellha taghmel bhala punt ta' ligi.*

*Dan l-artikolu jipprovvdi li:*

*If, in any claim in respect of any goods seized for non-payment of duties, or any other cause of forfeiture,or in any prosecution for the recovery of any pecuniary penalty or otherwise under this Ordinance, any dispute arised whether the duties of customs have been paid in respect of such goods, or whether the same have been lawfully imported or lawfully transhipped or unshipped, or concerning the place from where such goods were brought, then and in every such case the proof thereof shall be on the person making such claim or on the defendant in such prosecution, as the case may be.*

*"Fil-kawza Pulizija vs. Mario Scicluna deciza fis-7 ta' Marzu, 1985 , il-Qorti tal-Appell ikkonfermat il-principju li a tenur tal-Artikolu 77 tal-Kap.37 , meta fi procediment taht dak il-Kap tinqala kwistjoni dwar jekk id-dazju fuq oggetti partikolari kienx gie imhallas jew dwar minn fejn jew kif dawn l-oggetti gew akkwistati , l-prova ta' dan taqa' fuq l-imputat." Il-prova li l-prosekuzzjoni trid taghmel hi li ma jirrizultalhiex li thallas id-dazju. Minn hemm il-quddiem l-oneru tal-prova hu mixhut fuq l-imputat."*

*Jekk l-imputat isostni li d-dazju thallas, dan irid jipprovah hu. Dan japplika f' kull kaz, anke fejn il-ligi tirrikjedi x-xjenza. Hija dejjem il-Prosekuzzjoni li trid tipprova x-xjenza f' dawn il-kazijiet, izda jekk l-imputat jixtieq jallega xi difiza taht l-artikolu 77, il-prova jrid jforniha hu.*

*L-import ta' l-artikolu 77 gie ukoll trattat fl-appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Joseph Said "46 Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Andrew Zammit et"47 u fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Joseph Grech Sant"48 fejn ukoll gie ribadit il-principju li jekk tinqala kwistjoni dwar jekk oggetti kienx thallas id-dazju fuqhom jew kienux importati skond il-ligi, l-prova relattiva tmiss lill-imputat. (Ara ukoll f' dan is-sens A.K. Pul vs Scire' 49; A.K. Pul vs A. Mifsud50 u A.K. Pul vs M. Agius 51).*

*Ghalhekk il-Prosekuzzjoni kellha l-ewwel taghmel prova "prima facie", ghal dak li jirrigwarda r-reati taht l-Ordinanza tad-Dwana, li d-dazju ma kienx thallas, imbaghad kien japplika id-dispozittiv taht l-artikolu 77 ta' l-istess Ordinanza li jitfa' l-oneru tal-prova li id-dazju effettivament kien thallas fuq l-appellat.*

***Prova prima facie mill-prosekuzzjoni li d-dazju ma kienx thalas.***

*Dwar dina l-prova gie anke koncess mill-ewwel Qorti li tali prova mill-prosekuzzjoni saret, ghalkemm, skond dika l-Qorti, l-prosekuzzjoni ma lahtiqx il-livell ta' prova "beyond a reasonable doubt", li pero ma kienx il-piz li kellha l-prosekuzzjoni fuqha. Il-Qorti qalet hekk:*

*"Madanakollu din il-Qorti temmen illi il-prosekuzzjoni lahqet tipprova il-kawza sal-livell probatorju ta' "on a balance of probabilities". Dan qieghed jinghad il-ghaliex apparti ix-xhieda kollha illi gabet il-prosekuzzjoni hemm il-fattur ewlieni bil-prova tar-relazzjoni ta' l-Accountant Raphael Aloisio illi ebda mill-flejjes (u hawnhekk qed nitkellmu il-fuq minn mitt elf lira maltin) ma jidhru fl-accounting ledgers tal-kumpanija Eloise, bhala flejjes illi gew sbursjati fuq id-Dwana ta' Malta, mentri entries ta' importanza minima gew imnizzla sodisfacentement".*

*L-appellant gustament osserva li: "meta zewg versjonijiet ikunu diametrikament opposti ghal xulxin, dawn qatt ma jistghu jkunu t-tnejn probabbli. Dawn jistghu jkunu jew it-tnejn possibbli, jew versjoni wahda tkun possibbli izda l-ohra tkun aktar probabbli izda zewg versjonijiet konfliggenti qatt ma jistghu jkunu t-tnejn probabbli. Ghalhekk jekk l-ewwel Qorti kkoncediet li l-prosekuzzjoni lahqet tipprova l-kawza sal-livell probatorju cjoe "on a balance of*

*probabilities", dana iffisser li tacitament il-Qorti qed tghid li l-imputat ma lahaqx l-istess grad ta` prova kif rikjest minnu skond l-artikolu 77 tal-Kap. 37".*

*Il-Prosekuzzjoni gabet prova li d-dazju in kwistjoni ma thallasx. L-espert nominat minn dina l-Qorti xehed li ebda wiehed mill-ammonti tal-payment receipts ittimbrati fuq id dokumenti XV1 (cioe tad-ditta Eloise Ltd) ma gie entrat fil-cash books, la fid-data tat-timbru u anqas f' xi data ohra. B' kuntrast ghall dana, hu rrinttracca l-hlas indikat skond it-timbri fuq id-dokumenti fil-files Vol XV11 fil-cash books tad-Dipartiment tad-Dwana. Fl-appendix B ghall kull dokument li ghamel riferenza hu sab dawn l-entries fil-cash books.*

*L-espert ikkonkluda li mill-ezercizzju li ghamel, il-hlas ta' LM 106.706.11 indikat li sar mid-ditta Eloise Ltd, skond it-timbri fuq id-dokumenti fil-files XV1 u elenkati fl-Appendix A in effett skond il-cash books tad-Dipartiment tad-Dwana ma sarux, mentri skond it-timbri fuq id-dokumenti fil-files XV11 u elenkati f' Appendix B saru u gew entrati fil-cash books tad-Dipartiment tad-Dwana.'*

Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Maurice Curmi) vs. Vincent Xuereb Noel Vella'** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar il-21 ta' Marzu, 2018 (Kaz numru: 21/2013) kien ikkunsidrat illi;

*'Principlament l-imputati gew akkuzati talli kellhom xjentement fil-pussess taghhom sigaretti li d-dazju fuqhom ma kienx thallas. F' dawn it-tipi ta' kawzi l-Prosekuzzjoni ma trid tipprova xejn salv li l-imputati zammew ghandhom dawn is-sigaretti meta kienu jafu li l-VAT u dazju fuqhom ma kienx thallas.*

*Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 t' Awwissu 1990 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Victor Calleja**, intqal li: "Kull prova ghalhekk li l-Prosekuzzjoni trid taghmel hi nskritta minn dan l-artikolu u permezz tieghu jdiher car li l-prova li l-Prosekuzzjoni trid taghmel hi li ma jirrizultalhiex li thallas d-dazju. Minn hemm 'l quddiem, l-oneru tal-*

*prova hu mixhut fuq l-imputat.*" Ara wkoll Il-**Pulizija v J.M. Deguara** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha ta' Settembru 1990 jinghad;

*Fis-sentenza wkoll moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-3 ta' April 1971 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v George Bellizzi**, gie ritenut li:*

*"Il-Prosekuzzjoni m' ghandhiex bzonn tipprova li d-dazju fuq is-sigaretti ma kienx thallas, izda ghal kuntrarju, in vista tal-artikolu citat tal-Kap 60 [illum 37] kien imiss lill-imputat jipprova li d-dazju relattiv kien thallas jew li kellu raguni valida jahseb li kien thallas jew inkella b' xi mod kawtelat."*

Fl-istess sentenza gie kkunsidrat li:

*'Illi l-pozizzjoni legali tal-import tal-artikolu 77 tal-Kap. 37 in relazzjoni mal-artikoli 60 u 62 tal-istess Ordinanza tad-Dwana giet trattata "funditus" f' numru ta' sentenzi tal-Qrati taghna u l-gurisprudenza in subiecta materia giet ri-epilogata fis-sentenza ta' din l-Qorti fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Andrew Ellul Sullivan et."**. Hemm kienet saret riferenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs. Victor Calleja"** li, a sua volta, kienet ghamlet referenza ghal sentenza ohra moghtija fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs. Anthony Mifsud u George Grima** " deciza fit-12 ta' Gunju, 1989 " u qalet:-*

*"Fil-kaz kontra Anthony Mifsud et. l-akkuzi kienu wkoll taht dawn l-artikoli. Il-Qorti tal-Appell deherilha li kellha taghmel distinzjoni bejn il-pozizzjoni legali taht l-artikolu 77 u dik taht l-artikoli l-ohra u din il-Qorti taqbel ma u taghmel taghha tali argumenti in relazzjoni ghal tali distinzjoni."*

*"Fid-dawl ta' dak li fuq inghad, din il-Qorti jidhrilha li l-pozizzjoni legali tista' tigi enuncjata hekk:-*

*"Kazijiet taht l-artikolu 62 : " Il-Ligi ma tuzax il-kelma xjentement fil-paragrafi kollha ta' dan l-Artikolu."*

*"Min jimporta oggetti li l-importazzjoni taghhom hi projbita, min jizbarka tali oggetti, min iwarrab oggetti mportati qabel jigu ezaminati mill-ufficjal inkarikat mid-Dwana, huwa awtomatikament passibli minghajr il-htiega tal-prova tax-xjenza."*

*"Hawn il-prosekuzzjoni trid tipprova l-fatti materjali kif jinkwadraw ruhhom taht dawn il-paragrafi."*

*"M' hemm bzonn lanqas li fil-kazijiet specifici l-imputat kien jaf li l-importazzjoni kienet projbita. Gie deciz li din hija kwistjoni ta' ligi u mhux ta' fatt. Ara f' dan ir-rigward is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza Pulizija vs. Raymond Debono deciza fit-28 ta' Lulju, 1988."*

*"Ghall-kuntrarju jekk l-imputat jallega li l-importazzjoni kienet legali, a tenur tal-Artikolu 77, irid jaghmel il-prova hu."*

*"Paragrafi ohra pero', jirrikjedu ix-xjenza. Dawn huma s-subincizi (e) sa (i) tal-istess artikolu 62."*

*"Taht il-paragrafu (f) per ezempju, il-prosekuzzjoni trid tipprova li l-imputat agixxa xjentement biex*

*a) laqa' etc. ghandu l-oggetti in kwistjoni,*
*b) li tali oggetti ghandhom l-importazzjoni projbita jew limitata,*
*c) jew tali oggetti kienu zdazjati,*
*d) jew li tali oggetti kienu gew imwarrba minghajr hlas ta' dazju mill-postijiet imsemmija fl-istess subinciz."*

*Kif qalet il-Qorti fil-kawza kontra Mifsud, jekk il-prosekuzzjoni tipprova li l-appellant zamm ghandu jew laqa' ghandu oggetti li fuqhom ma thallasx dazju b' daqshekk ma tkunx issodisfat*

*il-vot tal-ligi billi tkun trid tipprova wkoll li l-imputat agixxa xjentement, altrimenti l-kelma xjentement tkun qeghda fil-ligi ghalxejn."*

*"Il-prova tax-xjenza naturalment twassal sal-grad li l-appellant kien jaf jew ma setax ma kienx jaf, li l-oggetti li nstabu ghandu kienu ta' natura ta' dawk imsemmija fil-paragrafi rilevanti tal-Kap. 37 "taht l-Artikolu 77."*

*Dan japplika, kif juri l-istess Artikolu, meta tinqala kwistjoni dwar jekk id-dazju dovut kienx gie mhallas, jew li l-oggetti gew zbarkati skond il-ligi, ecc. "*

*"Fi kliem iehor, fil-fehma tal-Qorti dan l-Artikolu jidhol in effett u jaltera l-piz tal-prova, meta l-imputat jinvoka tali fatti."*

*"jekk l-imputat isostni li d-dazju thallas, jipprova hu."*

*"Dan japplika f' kull kaz, anki fejn il-ligi tirrikjedi x-xjenza. Hija dejjem il-Prosekuzzjoni li trid tipprova x-xjenza f' dawn il-kazijiet, imma jekk l-appellant jixtieq jallega xi difiza taht l-Artikolu 77, il-prova jrid iforniha hu. U kien proprju dan li gie deciz fil-kaz ta' Mario Scicluna."*

*u f' parti ohra tal-istess sentenza appena citata, il-Qorti affermat li:-*

*"Fil-kawza Pulizija vs. Mario Scicluna deciza fis-7 ta' Marzu, 1985, il-Qorti tal-Appell ikkonfermat il-principju li a tenur tal-Artikolu 77 tal-Kap. 37, meta fi procediment taht dak il-Kap tinqala kwistjoni dwar jekk id-dazju fuq oggetti partikolari kienx gie imhallas jew dwar minn fejn jew kif dawn l-oggetti gew akkwistati, l-prova ta' dan taqa' fuq l-imputat."*

*"In sostenn ta' tali principju, l-Qorti ccitat sentenzi ohrajn u kompliet izzid hekk: "kull prova ghalhekk li l-Prosekuzzjoni trid taghmel hi nskritta minn dan l-artikolu u permezz tieghu jidher car li l-prova li l-prosekuzzjoni trid taghmel hi li ma jirrizultalhiex li thallas id-dazju. Minn hemm il-quddiem l-oneru tal-prova hu mixhut fuq l-imputat."*

*Imbaghad fl-Appell Kriminali* ***"Il-Pulizija vs. John Mary Deguara"*** deciza fis-7 ta' Settembru, 1990 gie deciz li;

*"Hu l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova x-xjenza." u ".....huwa zbaljat li wiehed japplika l-principji tal-Artikolu 77 tal-Kap. 37 meta l-appellant ma tax l-eccezzjonijiet rizultanti taht tali artikoli.."*

*Fl-Appell Kriminali* ***"Il-Pulizija vs. Carmel sive Charles Azzopardi"*** Deciza fit-22 ta' Settembru, 1993*, fejn id-difiza ssollevat in-nuqqas ta' xjenza u ta' mens rea tal-imputat fil-partecipazzjoni tieghu fir-reat lilu addebitat gie ritenut li :-*

*"Jigi osservat immedjetament rigward dan il-punt li huwa strettament ta' natura legali, illi f' kazijiet precedenti fejn l-istess punt inqala' u gie deciz, il-pozizzjoni illi hadet din il-Qorti kienet fis-sens li dak illi kien gie deciz mill-Imhallef Harding, President ta' din il-Qorti fl-24 ta' Novembru, 1945 in re.* ***"Il-Pulizija vs. Anthony Preca"****, fejn, ghall-fini tal-ispostament tal-oneru tal-prova minn fuq il-Prosekuzzjoni ghall-fuq l-imputat, kienet saret distinzjoni importanti bejn il-kaz fejn l-imputat ikun l-importatur u l-kaz l-iehor fejn l-imputat ma jkunx il-komplici tieghu imma jkun assista fl-iskarikar tal-merkanzija. F' dik is-sentenza, li giet imbaghad sussegwentement segwita b' diversi sentenzi ohra fosthom dik in re* ***"Il-Pulizija kontra Joseph Farrugia"*** *deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Jannar, 1991, kien gie deciz li ghalkemm huwa veru li skond il-ligi f' akkuza ta' pussess ta' oggett li dwaru ma jkunx thallas id-dazju, il-prova li d-dazju kien thallas ghandha ssir mill-imputat, cio' nonostante fil-materja ghandha ssir distinzjoni bejn il-kaz fejn l-imputat huwa l-importatur ta' dak l-oggett jew il-komplici tieghu jew l-esekutur immedjat tal-att ta' kuntrabandu u l-kaz li l-imputat ikun haddiehor. F' dan l-ahhar kaz jinhtieg ghall-kontravvenzjoni r-rekwizit tax-xjenza, igifieri li l-imputat kien jaf jew messu ragjonevolment ikun jaf li d-dazju dwar dak l-oggett ma jkunx gie imhallas."*

*u*

*"....ghaldaqstant meta c-cirkostanzi juru li l-imputat kellu ragjonevolment jahseb li d-dazju fuq oggetti minnu possedut ma kienx thallas, kellu r-rekwizit ta' dik ix-xjenza u allura huwa hati tal-kontravvenzjoni lilu addebitata. Diversament huwa ezenti minn kull htija min ma kienx jaf u ma setax ragonevolment ikun jaf li d-dazju ma kienx thallas jew min kien mic-cirkostanzi gustifikat jahseb li id-dazju thallas........Wiehed pero ' jrid joqghod attent f' sitwazzjoni simili billi ma jispostax l-ordni tal-logika ta' kif ghandhom isiru l-affarijiet u ma jinqabadx f' nasba ta' spostament ta' ragonament pseuodologiku....Skond din il-Qorti l-ordni li ghandu jigi segwit huwa illi ghandu jigi stabilit l-ewwel u qabel kollox, x' tip ta' attivita' kienet qed issir mill-appellant. Ghal dan il-fini, din il-Qorti jidhrilha li originarjament il-prova inizjali illi l-imputat kien jew l-importatur ta' l-oggetti, jew il-komplici... jew li almenu kellu element ta' konoxxenza ta' dak li kien qieghed isir, tinkombi fuq il-prosekuzzjoni, imbaghad una volta stabilit dan, cioe' li jew kien l-importatur jew kien il-komplici jew li kien fi kwalunkwe kaz jaf x' inhu jigri, l-oneru tal-prova jinkombi fuq l-imputat fit-termini tal-ligi. Pero' inizjalment kif inghad, il-prova trid issir mill-Prosekuzzjoni. "*

*Illi dan l-insenjament u din id-distinzjoni gew segwiti minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza* ***"Il-Pulizija vs. Francis Xavier sive Franco Borg"*** Deciza fit-23 ta' Settembru, 1994 *fil-kaz ta' pussess ta' oggett li dwaru ma jkunx thallas id-dazju bi ksur tal-paragrafi (g) u (h) tal-Artikolu 62.*

*Dejjem dwar dan l-element tax-xjenza, din il-Qorti esprimiet ruha hekk fl-Appell Kriminali:* ***"Il-Pulizija vs. Louis Frendo"*** Deciza fit-12 ta' Marzu, 1999*:-*

*"...dan ir-rekwizit ifisser li meta wiehed jikkonsidra c-cirkostanzi kollha relattivi u partikolari ghall-kaz, dawn l-istess cirkostanzi ghandhom ikunu bizzejjed fihom infushom biex juru li f' dak il-kaz, il-possessur tal-oggetti in kwistjoni kien jaf, jew messu ragonevolment ikun jaf minn dawk ic-cirkostanzi, li d-dazju/levy fuq dawk l-oggetti ma kienx imhallas. Din hi t-tifsira ta' dan ir-rekwizit tax-xjenza fl-imsemmija artikoli tal-Kap. 37 "*

*u meta dawn ic-cirkostanzi juru bic-car li l-appellant kien jaf li d-dazju/levy ma kienx thallas :-*

*"...hawn jiskatta in operazzjoni l-Artikolu 77 tal-Kap. 37 li jitfa' l-oneru fuq l-appellant biex jipprova li d-dazju/ evy fuq dawk l-oggetti kien thallas. Fil-kaz odjern u f' kazijiet simili, kull ma trid taghmel il-prosekuzzjoni hu li tipprova (a) dawk l-oggetti dahlu Malta, (b) li "prima facie" jidher li id-dazju/levy fuqhom ma kienx thallas, u (c) li dawk l-oggetti kienu fil-pussess u kontroll shih tal-appellant."*

*L-import tal-artikolu 77 gie wkoll trattat fl-appell Kriminali* ***"Il-Pulizija vs. Joseph Said"*** Deciza fis-26 ta' Novembru, 1992 *u fl-Appell Kriminali* ***"Il-Pulizija vs. Joseph Grech Sant"*** Deciza fl-4 ta' Frar, 1994 *fejn ukoll gie ribadit*

*Il-principju li jekk tinqala' kwistjoni dwar jekk oggetti kienx thallas id-dazju fuqhom jew kinux importati skont il-ligi, il-prova relattiva tmiss lill-imputat. Anki fl-Appell Kriminali* ***"Il-Pulizija vs. Andrew Zammit et"*** Deciza fil-31 ta' Lulju, 1998 *gie ritenut :-*

*"..hawnhekk il-Prosekuzzjoni m' ghandhiex bzonn tipprova li d-dazju ma thallasx jew li ma giex kawtelat, izda ghal kuntrarju ,......kien imiss lill-appellant jipprova illi d-dazju kien thallas jew li kellu raguni li kien thallas jew inkella b' xi mod kawtelat. L-oneru tal-prova hawn qieghed fuq l-appellant u hu hawn naqas. Kull ma trid taghmel il-prosekuzzjoni hawnhekk hu li ma jirrizultalhiex li thallas id-dazju. Minn hemm ' l quddiem l-oneru tal-prova jaqa' fuq l-appellant."*

*Illi fl-Appell Kriminali:* ***"Il-Pulizija vs. Anthony Callus"*** Deciza fit-13 ta' Lulju, 2005, *gie ritenut li:-*

*"Issa fil-waqt li hu minnu li biex jirrizultaw l-imputazzjonijiet mhux biss irid jigi pruvat il-pussess materjali tal-oggett mhux zdazjat, imma jrid ikun hemm ukoll il-provi tax-xjenza li dak l-oggett ma kienx thallas id-dazju jew it-taxxa tas-sisa fuqu. Pero' dan l-element tax-xjenza, anki jekk jigi michud mill-persuna suspettata, jista' jigi pruvat minn provi indizjarji li jkunu jindikaw li tali xjenza kien hemm jew suppost li kien hemm." (sottolinear ta' din il-Qorti).'*

Din il-Qorti sejra issa tghaddi biex tqis il-provi li tressqu mill-prosekuzzjoni rigwardanti l-oggetti in kwistjoni.

Illi l-aggravju manifest fil-kaz issa appellat huwa l-fatt li jirrizulta li minkejja li l-Prosekuzzjoni tellghet diversi xhieda li xehdu dwar sigaretti u kaxxi ta' sigaretti, ma gie pprezentat l-ebda ritratti li juri l-kontenut ta' tali kaxxi ossia l-allegati sigaretti innifishom, kif lanqas ma gie nominat espert sabiex jistabilixxi l-kontenut tal-kaxxi in kwistjoni.

Fil-kamp penali, il-prosekuzzjoni mistennija li tressaq l-ahjar prova.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Martin Cachia'** Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Lulju, 2006 (Appell Kriminali Numru. 155/2004) gie kkunsidrat li:

*'Din il-Qorti ezaminat il-provi kollha prodotti quddiem l-ewwel Qorti u l-uniku suggeriment li dawn id-DVDs setghu kienu importati jigi mill-Ispettur Ian Abdilla li, fit-28 ta' Mejju 2003 xehed darbtejn quddiem l-ewwel Qorti. L-ewwel darba xehed biss li d-DVDs, CDs u Playstation games elevati mir-residenza ta' l-appellant "at face value dehru li setghu kienu counterfeit". Meta xehed it-tieni darba, qal hekk: "L-oggetti li ahna elevajna mir-residenza tal-imputat gew mghoddija lid-Dwana biex issir valuation taghhom. Nghid li dawn l-oggetti gew mghoddija lid-Dwana peress li ahna tlabna d-dokumenti lill-imputat u dan ma tahomlniex u ghalhekk issuspettajna li kien hemm evasion of duty. Fil-fehma tieghi mill-kwalita` taghhom deherli li dawn setghu gew importati. Fil-fehma tieghi ma kinux prodott lokali. Mistoqsi pero` jekk kellix ragun li nahseb ghaliex l-imputat ma setax xtrahom minghand grossista lokali nghid illi l-imputat fl-ebda hin ma gabilna d-dokumentazzjoni dwar ix-xiri taghhom". L-Ispettur Abdilla pero` ma spjegax x' wasslu biex jikkonkludi kif ikkonkluda, x' kien hemm partikolari f' dawn id-DVDs li geghlu jahseb li "setghu" kienu importati. Il-fatt imbaghad li l-appellant ma pproduciex dokumentazzjoni lill-Ispettur Abdilla ma jfissirx necessarjament illi kien xoghol importat u, jekk kien xoghol importat, li l-appellant kien jaf jew ragjonevolment seta' kien jaf li*

*d-dazju fuqhom ma kienx thallas. Inoltre, ghalkemm id-DVDs gew mghoddija lid-Dwana, hadd mill-ufficjali tad-Dwana ma xehed dwar l-allegata provenjenza taghhom, cioe` jekk dawn id-DVDs kinux importati. Is-semplici konferma tal-letter to prosecute mhijiex certament prova li d-DVDs kienu importati. Anke Martin Bajada, li ezamina kull oggett, ma jsemmi xejn dwar li dawn kienu importati. Jigifieri l-prosekuzzjoni la ppruvat li d-DVDs in kwistjoni kienu importati u wisq anqas illi l-appellant kien jaf jew seta' ragjonevolment ikun jaf li d-dazju fuqhom ma kienx thallas. B' hekk ma skattatx in operazzjoni l-artikolu 77 tal-Kap. 37.'*

Illi b'qari tal-artikolu 77 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll tal-gurisprudenza citata jirrizuta li l-prova li trid taghmel il-prosekuzzjoni hi d-dazju ma thallas. Minn hemm il-quddiem, l-oneru tal-prova jinkombi fuq l-imputat biex jiprova jekk id-dazju li jmiss fuq l-oggetti giex imhallas, jekk l-oggetti kienux gew importati jew trasburdati jew zbarkati skont il-ligi jew dwar l-lok minn fejn kienu gew dawk l-oggetti. **Biss pero' qabel ma tali oneru tal-prova jinxtehet fuq l-imputat, il-prosekuzzjoni la darba trid tiprova li ma rrizultax li thallas id-dazju, huwa necessarju li l-prosekuzzjoni tiprova x' inhu l-oggett li fuqu kellu jithallas id-dazju u li dan jaqa' taht l-ewwel skeda tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Mill-atti jirrizulta li numru ta' xhieda tal-prosekuzzjoni jaghmlu referenza ghal ' sigaretti' misjuba, biss pero minkejja li gew prezentati numru ta' ritratti fosthom ritratti ta' kaxxi bl-isem ' Business Royals Red ' u ' Oris Super Slms Light ' u Marlboro Red u American Legend , ma giex prezentat ritratti dwar il-kontenut tal-kaxxi jigifieri ritratt ta' sigarett. Dan huwa relevanti fil-kuntest tal-aggravji li qieghed iressaq l-appellant, u dan peress li stante li ma nhatarx espert sabiex jirrelata dwar il-kontenut, , kien jispetta fuq il-prosekuzzjoni sabiex tipprezenta ritratti tal-kontenut tal-kaxxi u mhux biss ritratti ta' kaxxi. Una volta li jigi stabbilit il-kontenut tal-kaxxi, kien umbghad jispetta lill-imputati biex jipruvaw li d-dazju thallas.

Il-fatt li wiehed mill-ufficjali prosekutur prezenta formalment il-master cases li allegatament kienu jikkontjenu s-sigaretti ma jfissirx li ngiebet l-ahjar prova li l-Qorti tistenna li l-prosekuzzjoni tressaq.

Illi l-Qorti kienet tistenna li fil-kaz odjern kienet tigi mahtura inkjesta magisterjali, fejn il-Magistrat Inkwirenti kien jahtar esperti sabiex tigi preservata l-evidenza u sabiex jigi kkonstatat u stabbilit l-oggett in mertu. L-ewwel proviso tal-artikolu 546(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

*' Izda fejn jirrizulta li l-fatt li dwaru ma tkunx saret investigazzjoni taht dan is-subartikolu kien jikkostitwixxi reat li ghalih kienet tinghata l-piena msemmija f' dan is-subartikolu, n-nuqqas li tinzamm investigazzjoni taht dan is-subartikolu m' ghandux, ghal dik ir-raguni biss, jippregudika b' kull mod li jkun li jinbdew jew jitkomplew procedimenti kriminali ghal dak ir-reat jew l-ammissibilità ta' kull prova dwar dak ir-reat f' dawk il-procedimenti:'*

Ghalhekk fin-nuqqas li ssir Inkjesta Magisterjali, il-prosekuzzjoni setghet titlob sabiex l-evidenza tigi prezervata u titlob in-nomina ta' espert sabiex jezamina u jirrelata dwar il-kontenut tal-kaxxi. Fin-nuqqas ta' dan, il-prosekuzzjoni kellha almenu tipprezenta ritratti li juru l-kaxxi miftuha biex jintwera dak li wiehed jistenna li kien hemm gewwa l-kaxxi, ossia s-sigaretti.

Kif gie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **' Il-Pulizija (Sp. Joseph Cordina) vs Roderic Tanti ta' 32 sena, iben John u Carmen nee Friggieri, imwieled tal-Pieta' fis-7 ta' Awissu, 1968, u li joqghod fl-indirizz ' Earls Court' , Flat 5, J. F. Mark Street, San Gwann, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 336168 (M) Joseph Fenech ta' 46 sena bin Gregory u Beatrice nee Frendo, imwieled B' Kara fit-2 ta' Novembru, 1954, u li joqghod fl-indirizz ' Alexandra' , Flat 5, Sacred Heart Ave. San Giljan, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 823954 (M) Christopher Cutajar ta' 27 sena, bin Paul u Mary nee Caruana, imwieled tal-Pieta' fil-15 ta' Settembru, 1973 u li joqghod fl-indirizz ' Marpa' , Psaila Street, Birkirkara, detentur tal-karta ta' l-identita' numru**

**494073 (M)'** Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-25 ta' Gunju, 2004 (Numru. 98/2001) b' referenza ghall-proviso tal-artikolu 546 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

*'Dan il-proviso jaghmilha cara li biex isir procediment kriminali jew il-kontinwazzjoni ta' tali procediment kriminali mhux necessarju li ssir dejjem inkjesta Magisterjali. Fil-fatt hu ben maghruf u notorju li hafna mill-kawzi jitressqu l-Qorti biss a bazi ta' investigazzjoni tal-Pulizija u ma jkunux soggetti ghal inkjesta Magisterjali. F' dan il-kaz l-inkjesta saret. F' dan il-kaz ukoll il-Magistrat Inkwirenti ma hassx il-bzonn li jitqabbad espert biex jikkonstata l-kontenut tal-fliexken. Fil-fatt il-bzonn li hass il-Magistrat Inkwirenti kien li jikkonserva dawk l-istess fliexken u ghaldaqstant ghal dan l-iskop tqabbdu espert tal-fotografija kif ukoll il-Perit Aquilina li kif ga ntqal ghamel id-debita nventarju ta' dak kollu li kkonstata. Ma jreggix, fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-paragun li gabet id-Difiza bejn it-tipjip tal-haxixa u l-alkohol. '*

Ghalkemm din il-Qorti bir-ritratti prezentati u mill-provi prodotti tista' tipresumi li dak li hemm fil-kaxxi li jidhru fir-ritratti prezentati kienu fil-fatt sigaretti, **prezunzjonijiet ma ghandhomx post fi proceduri penali. L-irwol tal-Qorti hija li tiddeciedi jekk hemmx htija o meno bil-provi esebiti fil-process biss u cioe' fuq il-provi li ghandha quddiemha u mhux fuq dak li tippresumi li jirrizulta**.

Ghalhekk din il-Qorti ghandha takkolja dan l-aggravju tal-appellant u tiddikjara li l-prosekuzzjoni ma rnexxielix tressaq l-ahjar prova li dak misjub kienu fil-fatt sigaretti fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni.

Illi stante li l-imputazzjonijiet migjuba huma, intrinsikament relatati ma sejbien ta' allegati sigaretti, u stante li din il-Qorti ghandha ssib li ma giex pruvat fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni li dak misjub kienu fil-fatt sigaretti, din il-Qorti ma tistax issib htija dwar dawk l-imputazzjonijiet. Fil-fatt filwaqt li l-imputazzjonijeit mahruga fuq talba tad-Direttur Generali (Dwana) u tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jirrigwardaw espressament is-sigaretti, huma intrinsikament relatati

mas-sejba tal-allegati sigaretti u ghalhekk gialadarba ma ngabitx l-ahjar prova tal-oggett in mertu, din il-Qorti ma tistax issib htija rigward dawn l-imputazzjonijiet.

Dan l-aggravju ghandhu jigi milqugh u s-sentenza tal-ewwel Qorti annulata fl-intier taghha.

**It Tieni Aggravju**

Illi in linja sekondarja l-appellanti jressaq bhala t-tieni aggravju tieghu il-fatt illi l-ewwel Onorabbli Qorti skartat l-insenjament u l-kazistika konsistenti fuq l-inammissibilita tal-prova tal-istqarrija meta kkumentat li ghaliex huwa ffirma is-Seizure Note huwa kien b' xi mod qed jacetta xi forma ta' htija. L-ebda persuna li tiffirma nota ta' qbid bil-firma li ttehdulha l-imsmemija oggetti ma tkun qed tirrikonoxxi xi forma ta' ammissibilita li l-pussess ta' dawn l-ogetti huma illegali.

Illi tali stqarrija ttiehdet minghajr ebda assistenza ta' avukat u minghajr ma nghataw is-soliti twissijiet. Id-Dwana kienet qed tagixxi ultra vires mill-poteri taghha ghaliex l-ufficjali ma kellhom ebda awtorizazzjoni jaghmlu t-tfittxijiet li ghamlu. L-ewwel Qorti skartat kompletament dan l-punt meta in atti ma tressqu ebda provi dokumentati jew tramite xhieda li l-ufficjali kellhom inkariku li jeffetwaw tfittxija formali. **L-Artiklu 71 tal-Kap 37** tal-Ligijiet ta' Malta senjatament jghid;

**"jekk awtorizzat mill-Kummissarju" u jekk "l-ufficjal tal-Pulizija jekk awtorizzat mill-Kummissarju tal-Pulizija. "**

**Ma kien hemm ebda awtorizazzjoni lil dawn l-ufficjali u jsegwi l-aggravju car u manifest li allura l-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni sbaljata tal-Artiklu tal-Ligi.**

**Ma kien hemm ebda awtorizazzjoni jew *search warrant* fil-kaz. Jekk l-ufficjali mxew kontra dak li tiddisponi l-ligi jsegwi car u manifest l-aggravju li l-hrug tan-Noti ta' qbid 219/17 u 220/17 kienu arbitrarji rregolari u kellhom jigu revokat kif mitlub mill-appellanti.**

Jsegwi ghalhekk li kull tehid ta' stqarrijiet u dokumenti li dwarhom l-ewwel Qorti ingustament ikkunsidrat validi kellhom jkunu skartati ghaliex jmorru kontra l-Artiklu 6 tal-Konvenjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-bniedem.

Illi jigi kkonfermat f' dan l-umili appell illi l-ewwel Qorti naqset meta skartat l-insenjament fejn l-istqarrija kellha tigi kompletament skartata abbazi tas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella moghtija fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju tal-elfejn u sbatax (2017) mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) per l-Imhallef Joseph Zammit Mckeon li kkonfermat li "** *it-tehid ta' tali stqarrija jkun jikkostitwixxi ksur tal-jedd ghal smigh xieraq tal-istess Aldo Pistella kif tutelat mill-Art 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali tieghu fil-kaz illi l-istqarrija rilaxxjata lill-Pulizija Ezekuttiva tkun prova fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella" pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja."*
Illi l-aggravju mertu ta' dan l-umili appell jikkonsisti fil-fatt illi l-ewwel Qorti hasset li tali principji ta 'gustizzja sancita mill-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem setghu jinghataw interpretazzjoni differenti jekk mehuda fil-kuntest ta' Qorti Civili a distinzjoni min Qorti Kriminali. Il-Konvenzjoni Ewropeja ma ghamlet ebda distinzjoni u kwindi hawn si tratta, dwar l-iskartar obligatorju tal-istqarrija( u/jew l-iffirmar ta' Dok RC1 ) bhala prova , bhala dritt fundamentali tal-bniedem .

Illi dan huwa konfermat mis-sentenza tal-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **' <u>Salduz v. Turkey</u>'** fejn gie kkunsidrat:

*"59. The Court further notes that neither the letter nor the spirit of Article 6 of the Convention prevents a person from waiving of his own free will, either expressly or tacitly, the entitlement to the guarantees of a fair trial (see Kwiatkowska v. Italy (dec.), no. 52868/99, 30 November 2000). However, if it is to be effective for Convention purposes, a waiver of the right to take part in the trial must be established in an unequivocal manner and be attended by minimum safeguards commensurate to its importance (see Sejdovic v. Italy [GC], no. 56581/00, § 86, ECHR 2006-II; Kolu, cited above, § 53; and Colozza v. Italy, 12 February 1985, § 28, Series A no. 89). Thus, in the present case, no reliance can be placed on the assertion in the form stating his rights that the applicant had been reminded of his right to remain silent. "*

Illi fil-kaz odjern hemm ukoll l-aggarvju li l-imputat ma kienx fl-ebda hin assistit min avukata tal-fiducja tieghu u ma nghata ebda twissja in segwitu.Illi l-kaz fis-sentenza ta' ***Borg v. Malta*** , li tqis il-fatt biss ta' nuqqas ta' ghajnuna ta' avukat bhala ksur tal-art. 6(1) moqri mal-art. 6(3) tal-Konvenzjoni jkompli jikkonferma illi la si tratta ta' dritt Kostituzzjonali dan huwa ukoll applikabbli fid-dritt Civili. Fl-imsemmi kaz il-Qorti sostniet;

*" Illi din il-Qorti tosserva li s-sentenza Borg v. Malta (hawn fuq citata) ma kinitx biss li jitkellem fuq id-dritt li wiehed ikollu l-jedd li jikkonsulta ma avukat qabel tigi rilaxxata stqarrija. Dik is-sentenza tghid illi* ***f' kull stadju ta' l-investigazzjoni*** *l-persuna susspettata jew akkuzata jrid ikollha d-dritt ta' l-avukat. Kien ghalhekk li gie promulgat l-Att numru LI ta' l-2016."*

Il-kliem " *f' kull stadju* " jipprevedi ghalhekk, posizzjoni ta' dritt anke meta ma hemm ebda process Kriminali ghaddej u l-persuna hija biss suspettata kwindi zgur il-materja m' hijiex wahda ristretta ghall-drittijiet tal-persuna f' process Kriminali biss, izda jestendi ghad-drittijiet f' kull kamp u f' kull hin . Aktar u aktar meta l-prova tal-istqarrija ingabet min process Kriminali veru u proprju bhal ma huwa f' dan il-kaz. "

Fis-sentenza moghtija ricentement fl-ismijiet **' <u>Marvin Debono vs L-Avukat Generali</u>** <u>u l-Kummissarju tal-Pulizija</u>' Deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) nhar is-17 ta' Ottubru, 2018 (Rik. Nru: 40/14JRM) fejn skont dik il-kawza ' ir-rikorrent jissottometti li l-fatt li huwa c-cahhad milli jista' jikkonsulta ma' avukat matul il-hin kollu minn x' hin kien arrestat sa ma halla l-istqarrija lill-Pulizija, jikkostitwixxi minnu nnifsu **ksur tal-jedd tieghu ghal smigh xieraq.** Ladarba dak iz - zmien, il-ligi ma kinitx taghti li persuna arrestata setghet titlob li tkun mghejjuna minn avukat, **gablu ksur li ma jissewwiex ta' dak il-jedd. Jghid li dan il-ksur sar attwali hekk kif ressaq quddiem il-Qorti mixli b' ghadd ta' reati u l-imsemmija stqarrija ddahhlet fl-atti tal-Kumpilazzjoni.** Huwa jishaq li fl-ebda waqt ma nghata mill-Pulizija ' bill of rights' li kien ifissirlu x' inhuma l-jeddijiet tieghu, kellu jwiegeb bla ma kellu ghazla ohra ghall-mistoqsijiet li kienu qeghdin isirulu mill-ufficjal investigatur, u tqieghed f' din il-qaghda meta kien ghad ghandu wiehed u ghoxrin sena bla ma kellu l-icken hjiel ta' "knowledge legali" u f' ambjent li seta' jintimidah biex jistqarr hwejjeg meta ma jkunx irid. Huwa jsahhah dan kollu b' tismija ta' decizjonijiet moghtijin **kemm mill-Qrati taghna u kif ukoll mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem f' dan ir-rigward;'** .

Il-Qorti wara numru ta' kunsiderazzjonijiet laqghet limitatament it-talba tar-rikorrent meta ddecidiet li ' l-jedd ghal smigh xieraq tar-rikorrent, **kemm taht il-Kostituzzjoni u kif Deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) nhar is-17 ta' Ottubru, 2018 (Rik. Nru: 40/14JRM) 65 ukoll taht il-Konvenzjoni, jinkiser jekk kemm-il darba jsir uzu mill-istqarrija.**

**Dik il-Qorti ghalhekk ordnat li ma jista' jsir l-ebda uzu mill-istqarrija tar-rikorrent** u li **din titnehha mill-atti processwali tal-kaz** li qieghed jitmexxa kontrih quddiem il-Qorti ta' kompetenza kriminali, ordnat ukoll li titnehha kull xhieda moghtija matul dak il-pročediment li ssemmi l-kontenut tal-istess stqarrija.

Dan kien aggravju ghaliex l-ebda dokument ottjenut bi ksur tal-Art 6 tal-Konvenjzoni Ewropeja ma jista jintuza b' dan il-mod kontra l-appellanti.

**It-Tielet Aggravju**

Illi t-tielet aggravju car u manifest jikkonsisti fil-fatt illi l-ewwel Qorti li kienet ikkundizzjonat il-gudizzju taghha fuq l-aggravji ta' sentenza precedenti li ma kellha xejn x' taqsam mal-kaz odjern u kwindi ma setghet qatt tikkunsidra amissibli x-xhieda kollha prodotti. Il-verzjoni konfliggenti mghotija mix-xhud tal-iprosekuzzjoni Frederick Micallef hija ta' certa importanza ghal-kaz. Dan jidher car fejn il-kunsiderazzjoni tal-provi kien wiehed sbaljat ghaliex proprju Frederick Micallef jikkontradixxi x-xhieda tal-ufficjali l-ohra ghaliex jikkonferma l-kuntrarju li jghidu huma u cioe l-fatt li l-kaxxex kienu barra l-van u quddiem il-garage tat-terz. Terz li del resto ghall-ragunijiet mhux maghrufa la tressaq il-Qorti mixli Kriminalment u l-anqas pero tressaq xhud in difesa jew tal-intimat biex jissostanzjaw il-kaz taghhom. Dan gie sottolinjat b' certa elokwenza fit-trattazzjoni u s-sottomissjonijiet tal-apellant izda ingustament gew skartati mill-ewwel Qorti.

Illi l-appellant jsostni illi x-xhieda tax-xhud Frederick Micallef kienet wahda importanti u holqot dubju ragonevoli sahansitra ta' min kienu l-kaxxex tal-allegati sigaretti meta dan ix-xhud jikkonferma u jikkoregi ruhu fuq insistenza tal-Ewwel Qorti li l-kaxxa sigaretti kienet mil-bieb tal-garaxx tat-terza persuna u mhux hdejn il-van tal-apellant. Jehtieg li din l-Onorabbli Qorti tirrevedi ix-xhieda tal-imsemmi xhud fejn ghandha tasal ghal konvinciment li jesisti dubju ragenevoli li ghandhu jmur favur l-appellant u mhux kontra tieghu. Sahansitra jigi apprezat li kienet l-ewwel Qorti li hadet f'ídejha certi domandi tal-istess xhud Ufficjal tad-Dwana li kien incert u l-istess Qorti wissietu li kien bil-gurament u keient disposta tnizzlu isfel ( fis-sens li jinzamm arrestat ) sabiex jista jiftakar sewwa. In segwitu jikkonferma b' mod car li l-kaxxa allegatament sigaretti ma kienitx hdejn il-van tal-apellant izda hdejn il-bieb tal-garaxx u aktar mill-bieb il-gewwa milli barra mentri x-xhud Cesareo jghid li kienet hdejn il-

van. L-agaravju manifest jikkonsisti f' din ix-xhieda kunfliggenti meta l-istess fizjali tad-dwana kienu t-tnejn presenti. Dan kellu jikkonferma lill-ewwel Qorti li d-dubbju li gie kkrejat kellu jmur favur l-appellant u jikkonsisti f' aggravju li din l-Onorabbli Qorti ghandha takkolji.

Jsegwi l-aggravju manifest ta' nuqqas ta' kunsiderazzjoni u kunsiderazzjoni sbaljata tal-fatti u provi li jinstabu in atti. Del resto l-ewwel Qorti xtarret xhieda li nghatat fil-process Kriminali li manifestament kienu provi li esponew inkonsistenzi bejn l-ufficjali tad-Dwana tant li l-ewwel Qorti, ssospendiet x-xhieda ta' Frederick Micallef sabiex ttih cans jaghti verzjoni veritiera u koretta. Dan kien aggravju li l-ewwel Qorti ghazlet li tiskarta.

**Meta reggha ssejjah lura jixhed jikkonferma li l-ufficjali ma sabux kaxxex fil-vann izda sabuhom bejn il-bieb tal-garage tat terz u l-vann, b' indikazzjoni konfliggenti ta' min kienu dawn is-sigaretti;**

**Ghalhekk anke fuq dan l-aspett jirrisulta agagravju li din l-Onorabbli Qorti ghandha takkolji.**

**Aggravju dwar il-piena**

Illi l-piena ta' prigunerija effettiva kien wiehed ingustifikat meta l-istess Ewwel Qorti waslet ghal konvinciment li l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova r-recidiva u sahansitra ddikjarat;

*"Illi ghal dak li jirrigwarda l-addebitu tar-recidiva, il-Qorti ma gietx fornuta bl-ahjar prova ghas-sostenibilita ta' tali addebitu. Il-fedina penali esebita a fol 8 et seq ma hijiex wahedha prova sufficjenti sabiex ikollha l-effett u l-konsegwenzi legali dettati mill-Artikoli 50 u 289 tal-Kapitolu 9. L-imputat jista biss jitqies bhala recidiv ghall-finijiet tal-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9.*

Illi stante li ma tresqitx il-prova tar-recidiva jsegwi li l-appellant kellu se mai jibbenifika minn sentenza li ma kienitx tikkonsisti f' piena karcerarja effettiva. Dan aktar u aktar meta wiehed jikkunsidra li l-appellant huwa pensjonant u ghalaq tleita u sittin (63) sena u ceratment piena karcerarja ma hijiex wahda idonja.

Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravji nterposti dwar il-fatt li l-prosekuzzjoni naqset li tipprova l-kaz taghha skond il-ligi u li jesistu dawk l-aggravji kollha sabiex l-appellant ma jistax jinstab hati tal-akkuzi mressqa kontra tieghu jinghad li jsegwi li l-multi impost u l-konfiska tal-vettura Peugeot numru LCH 639 ghandhom konsegwentement ukoll jkunu revokati.

**Ikkunsidrat,**

Fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant isostni fid-decizjoni mghotija mill-ewwel Qorti jirrizulta manifest illi r-rizultanzi processwali kienu nieqsa mill-grad tal-prova rikjest mill-prosekuzzjoni.

Hawnhekk il-Qorti sejra tghaddi sabiex tibda billi taghmel referenza ghall-decizjoni ricenti taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Yarick Farrugia**[1] fejn gie ritenut is-segwenti:

> *'Illi preliminarjament jibda biex jinghad illi l-appellant ma ghandu ghalfejn jipprova xejn jew iressaq xi prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu; filwaqt illi kif tiddetta l-Ligi u del resto, anke' jghalmuna l-Qrati taghna,* ***hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, w cioe beyond reasonable doubt, li tfisser li l-grad ta' buon sens jew ghaqal li jwassal gudikant sabiex jaqbel mat-tezi taghha u cioe' tal-Prosekuzzjoni.***

[1] Deciza nhar l-24 ta' Frar, 2022.

***Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri w dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-***

***"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit."'***

F'dan il-punt din il-Qorti sejra taghti harsa dwar il-provi mressqa mil-prosekuzzjoni.

**L-Ispettur (illum Supretendent)[2] Josric Mifsud** xehed nhar il-15 ta' Jannar 2018 fejn qal illi nhar l-4 ta' Novembru cempillu Mario Mifsud li huwa ufficjal tad-dwana u dan infurmah li kienu qed jaghmlu osservazzjoni gewwa Bormla u kienu qed jistennew persuna li ggorr is-sigaretti tal-kuntrabandu minn post ghall-iehor. Hu kien baghat xi pulizija halli x'hin jibdew ir-*raid* ikollhom il-pulizija maghhom ghal bon ordni. Sussegwentmaent gie arrestat Raymond Camilleri li kellu ammont ta' sigaretti fil-vettura tieghu li kienu Malta minghajr ma thallas sisa u dazzju. Wara huma ghamlulu wkoll tfittxija gewwa r-residenza tieghu f' Ta' L-Ibragg Swieqi. Hu kien ikkollabora mal-pulizija. Jispjega illi kien rcieva *letter to prosecute* kemm mid-dwana kif ukoll mill-VAT. Hu qal li ma kienx ha stqarrija.

**Josephine Grima**[3] xehdet nhar il-15 ta' Jannar 2018 fejn spjegat li hi ufficjal ta' dwana u tahdem il-*legal office*. Hi pprezentat il-*letter to prosecute* fejn gharfet il-firma tad-Direttur Generali, in-nota tal-qbid tas-sigaretti u esebiet ukoll is-sigaretti u l-vettura formalment.

[2] Fol. 13 tal-atti processwali.
[3] Fol. 15 tal-atti processwali.

In kontro-ezami qalet li ma setax isir *out of court settlement* ghax l-ammont qabez erbat elef euro (€4,000) u li s-sigaretti maqbuda kemm mill-vettura u kemm mir-residenza jigu kkunsidrati bhala mod globali.

**Roderick Sultana**[4] xehed nhar il-15 ta' Jannar, 2018 fejn qal li hu Senior Principal fil-VAT Department u pprezenta *letter to prosecute* ffirmata minn Mr. Paul Scicluna.

**Neville Cesario**[5] xehed nhar il-15 ta' Jannar, 2018 fejn qal li hu Ufficjal tad-Dwana fi hdan l-*Enforcement Unit*. Hu kien gie nfurmat minn Mario Mifsud nhar l-4 ta' Novembru 2017 sabiex imur jaghmel *observation* gewwa Bormla minhabba xi negozju ta' sigaretti tal-kuntrabandu. Xi 11.30 a.m. tfacca vann *Peugeot Partner* abjad u dahal go dahla ta' *underground garages*. Huma nizlu hemm isfel, identifikaw ruhhom mas-Sur Camilleri u qalulu li kienu ser jaghmlu tfittxija. Hu spjega li elevaw is-sigaretti li kien hemm fil-vann u anke xi sigaretti li sabu fir-residenza tieghu. In kontro-ezami jikkonferma li kaxxa tas-sigaretti kienet diga' barra hdejn il-bibien miftuhin tal-vann. Kien hemm garaxx miftuh u kien hemm persuna ohra bil-kunjom Schiavone li hu ma kellmux.

**Fredrick Micallef**[6] xehed nhar il-15 ta' Jannar, 2018 fejn spjega li hu fizzjal tad-Dwana. Hu qal li nhar l-4 ta' Novembru, l-Ispettur Mario Mifsud kien qallu li rcieva telefonata anonima rigward bejgh ta' sigaretti u marru jaghmlu osservazzjoni fuq garaxxijiet taht l-art f'Bormla. Maghhom kien hemm ukoll il-pulizija u xi 11. 30 a.m. lemhu vann abjad. Mistoqsi kienx ma Neville Cesario hu qal li hu kien mal-Ispettur Mario Mifsud. Huma kienu marru warajh u rawh ihott is-sigaretti. Huma identifikaw ruhhom u ghamlu tfittxija u sabu tali sigaretti, mlew il-formoli u taw lill-appellant kemm l-ircevuta tal-vann kif ukoll tas-sigaretti. Sussegwentament marru fir-residenza tieghu f' l-Ibragg

[4] Fol. 22 tal-atti processwali.
[5] Fol. 25 tal-atti processwali.
[6] Fol. 28 tal-atti processwali.

fejn ukoll sabu xi sigaretti li ma kellhomx dazju mhallas bhal kaz ta' qabel. Tfittxija ohra li saret go garaxx f' Victory Street, Qormi rrizultat fin-negattiv.

Mistoqsi in kontro-ezami jekk hux minnu li kien hemm kaxxa li sabuha fil-garaxx ta' terza persuna hu wiegeb fin-negattiv u qal li din kienet ezatti wara l-vann u kienet ghadha kemm harget u ntefghet warajh. Hu qal li jista' jikkonferma li kien qieghed ihott ghax hu kien ser jitlaq. Hu qal li jista' jghid li zewg kaxxi kienu gol-vann. Spjega illi huma kienu qed jaghmlu l-osservazzjoni mill-vettura taghhom gewwa t-triq. Huma nizlu fil-kumpless ta' garaxxijiet bil-karozza u rawh li kien ghadu kemm hatt dik il-kaxxa. Hu ra b'ghajnejh li l-kaxxa kienet diga' mal-art. Kien hemm persuna ohra li kienet quddiem il-garaxx u kien qisu xi metru jew tnejn il'boghod mill-vettura. L-appellant kien qieghed hdejn il-kaxxa u qed jaghlaq il-bieba ta' wara. Hu qal li l-kaxxa kienet ezatt wara l-bieba tal-garaxx u ghalhekk il-kaxxa nharget mill-garaxx ta' Schiavone. Dak il-hin ma sabux iktar sigaretti ghand Schiavone imma qabel kienu sabu hamsa u ghoxrin (25) kartuna. Hu kkonferma illi ghal habta ta' 9.00 a.m. ta' dik il-gurnata stess, bl-assistenza tal-pulizija u fil-prezenza ta' Schiavone dahlu fil-garaxx u sabu hamsa u ghoxrin (25) kartuna sigaretti minghajr dazzju mhallas. Huma hadu s-sigaretti. Huma kienu stennew u xi 11.30 a.m. tfacca l-vann abjad u raw li iktar hemm cans li forsi jkollha konnessjoni u nizlu fil-kumpless tal-garaxxijiet. Tfittxija ohra fil-garaxx irrizultat fin-negattiv.

**<u>PS 583 Evan Grech</u>**[7] xehed nhar il-15 ta' Jannar 2018, ikkonferma r-rapport bin-numru 2325/2017. Nhar l-4 ta' Novembru 2017 kienu gew infurmati mill-Ufficjali ta' Dwana illi kellhom bzonn l-assistenza taghhom. Huma, xi 12.00 p.m. marru gewwa Triq Karmenu Mifsud Bonnici u pprovdew l-assistenza taghhom rigward bicca xoghol li kellhom rigward il-qabda tas-sigaretti. Hu kkonferma li f'9.00 a.m. ukoll kienu marru sabiex jaghtu l-assistenza taghhom. Huma hallew kollox f'idejn ta' dwana, urewh xi kaxxi bil-grosos tas-sigaretti u qalulhom li ser jissekwestraw il-vann u s-sigaretti. Il-

[7] Fol. 45 tal-atti processwali.

vann jiktakar li kien *Peugeot Partner*. Dakinhar bhala pulizija kien hemm hu flimkien ma PC 972, PC 1324 u PC 1577.

**<u>PC 972 Carmel Fiteni</u>**[8] xehed nhar il-15 ta' Jannar 2018 fejn qal li nhar l-4 ta' Novembru, 2017 kien infurmahom l-Ispettur Josric Mifsud sabiex imorru fi Triq Karmenu Mifsud Bonnici jassistu lil tad-Dwana. Hu qal li huma kienu hemm ghal bon ordni u assistenza. Huma dahlu wkoll fil-kumpless tal-garaxxijiet ghaliex marru sabiex jassistu lil tad-dwana. Hemm hekk kien hemm Peugeot Partner abjad. Huma ma ghamlu xejn. Huma sa hemm hekk waslu ghax mbghad tad-dwana riedu jaghmlu 'search' fid-dar tieghu fejn hu qal li ma marx u li ma kienux ser imorru huma ta' Bormla fuq distrett iehor.

**<u>PC1324 Stefan Aquilina</u>**[9] xehed nhar il-15 ta' Jannar 2018 fejn qal li hu kien xufier mas-surgent u kien hemm kollega iehor tieghu. Kif cemplulhom huma marru sabiex jassistu. Hu qaghad barra u ma dahalx fil-kumpless ta' garaxxijiet.

**<u>PC 1577 Wayne Agius</u>**[10] xehed nhar il-15 ta' Jannar 2018 fejn qal li marru hemmhekk ghall-assistenza ma l-Ufficjali tad-Dwana sakemm huma ghamlu l-investigazzjoni taghhom. Huma kienu hemm ghal bon ordni biss u x'hin lestew huma telqu.

**<u>Mario Mifsud</u>**[11] xehed nhar il-5 ta' Marzu 2018 fejn qal li hu Spettur tad-Dwana fl-*Enforcement Unit*. Spjega illi nhar l-4 ta' Novembru kienu rcevew telefonata anonima fejn kienu qalulhom li kien qed isir xi kuntrabandu ta' sigaretti f'xi garaxxijiet fi triq Karmenu Mifsud Bonnici San Gwann t'Ghuxa Bormla. Dakinhar ghamlu tfittxija go garaxx u sabu xi sigaretti, li kien kaz apparti minn dan. Sussegwentament ghamlu osservanza fuq il-post sakemm ghal habta ta' 11.30 kien hemm vann abjad li nizel go dawn il-garaxxijiet. Huma nizlu u sabu lis-Sur Camilleri ihott xi sigaretti minn gol-

---

8 Fol. 48 tal-atti processwali.
9 Fol. 51 tal-atti processwali.
10 Fol. 53 tal-atti processwali.
11 Fol. 56 tal-atti processwali.

vann. Mieghu dakinhar kellu l-kollegi Neville Cesareo u Fredrick Micallef. Huma ghamlu *'witheld by customs'* kemm is-sigaretti u kemm il-vann. Meta gie spjegat lill-appellant hu accetta u ffirma tlett master cartons, hames kartuniet u ghall-vann. Is-sigaretti gew mehudha ghax ma kellhomx il-banderoll tad-dazju mwahhla, ma kellhomx dazju mhallas u kienu sigaretti tal-kuntrabandu.

Is-Sur Mifsud[12] rega' xehed in kontro-ezami nhar it-8 t' Ottubru, 2018 fejn sostna illi hu kien spjega lill-appellant ghal x'hiex kien qieghed jiffirma. Hu qabel ukoll mal-isketch li kien ghamel Fredrick Micallef lill-Qorti. Hu sostna li l-kaxxa raha gejja minn quddiem il-vann. Hu spjega illi li jara hu mhux necessarjament dak li jara haddiehor fl-istess kamra. Hu sostna li l-isketch tal-kollega tieghu hu korrett. Micallef kien qieghed isuq u hu kien passiggier.

**<u>Mario Abela</u>**[13] xehed nhar l-4 ta' Marzu 2019 fejn esebixxa zewg rapporti ta' valuations tas-sigaretti li nstabu fir-residenza u ohrajn gol-vann.

**<u>John Azzopardi</u>**[14] xehed nhar l-4 ta' Marzu, 2019 u li jahdem f' Tobacco Products Unit tad-dwana. Hu wara li ra l-file u ra l-valur moghti minnhom u mill-valuation office, hadem il-komputazzjoni tat-taxxa.

**Ikkunsidrat,**

B'referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Omissis Anthony Cremona Omissis Omissis Omissis</u>**[15] din il-Qorti kienet qalet is-segwenti:

> *'<u>**Illi ghalhekk jirrizulta li minkejja li l-Prosekuzzjoni tellghet diversi xhieda li xehdu dwar sigaretti u kaxxi ta' sigaretti, ma**</u>*

[12] Fol. 91 tal-atti processwali.
[13] Fol. 106 tal-atti processwali.
[14] Fol. 111 tal-atti processwali.
[15] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminal nhar 14 ta' Frar, 2019

***gie prezenta l-ebda ritratti li juri l-kontenut ta' tali kaxxi ossia l-allegati sigaretti innifishom**. **Fil-kamp penali, il-prosekuzzjoni mistennija li tressaq l-ahjar prova. L-artikolu 638(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra: 'Bħala regola, għandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti, u li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xiehda tiegħu tkun importanti.'***

Ghal skans ta' hafna repetizzjoni, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizja vs Michael Borg et**[16] li l-appellant tista' tghid ipproduca l-maggorparti taghha fir-rikors t'appell tieghu, anke fejn din l-istess sentenza ghamlet referenza ghal sentenzi ohrajn passati. A skans ta' hafna repetizzjoni, u dan peress illi l-kontenut tar-rikors tal-appell tar-rikorrent gie provdut *supra*, din il-Qorti terga' tikkonferma dak kollu citat fis-sentenza taghha stess. Oltre minn hekk terga' taghmel referenza ghas-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Omissis Anthony Cremona Omissis Omissis Omissis,** fejn gie ritenut is-segwenti:

***'Illi b'qari tal-artikolu 77 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll tal-gurisprudenza citata jirrizuta li l-prova li trid taghmel il-prosekuzzjoni hi d-dazju ma jirrizultax li thallas. Minn hemm il-quddiem, l-oneru tal-prova jinkombi fuq l-imputat biex jiprova jekk id-dazju li jmiss fuq l-oggetti giex imhallas, jekk l-oggetti kienux gew importati jew trasburdati jew zbarkati skont il-ligi jew dwar l-lok minn fejn kienu gew dawk l-oggetti. Biss pero' qabel ma tali oneru tal-prova jinxtehet fuq l-imputat, il-prosekuzzjoni la darba trid tiprova li ma rrizultax li thallas id-dazju, huwa necessarju li l-prosekuzzjoni tiprova x'inhu l-oggett li fuqu kellu jithallas id-dazju u li dan jaqa' taht l-ewwel skeda tal-Kapitolu 37 tal-***

[16] Deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-15 ta' Jannar, 2019.

> ***Ligijiet ta' Malta.*** *Mill-atti jirrizulta li numru ta' xhieda tal-prosekuzzjoni jaghmlu referenza ghal* ***'sigaretti'*** *misjuba, biss pero minkejja li gew prezentati numru ta' ritratti fosthom ritratti ta' kaxxi bl-isem 'Business Royal' u 'Tradition' kif ukoll kaxxi izghar f'kaxxi akbar, ma giex prezentat ritratti dwar il-kontenut tal-kaxxi jigifieri ritratt ta' sigarett. Dan huwa relevanti fil-kuntest tal-aggravji li qieghed iressaq l-appellant, u dan peress li stante li ma nhatarx espert sabiex jirrelata dwar il-kontenut, filfatt filwaqt li l-prosekuzzjoni tellghat lil PS659 Jeffrey Hughes li ghamel l-ezamijiet kimici ghaz-zvilupp talimpronti fuq il-kaxxi u boroz tal-plastik u esebixxa r-relazzjoni tieghu u l-Qorti sussegwentement hatret lil Joseph Mallia biex jeleva l-impronti digitali tal-imputati u jaghmel ezami komparattiv, kien jispetta fuq il-prosekuzzjoni sabiex tipprezenta ritratti tal-kontenut tal-kaxxi u mhux biss ritratti ta' kaxxi. Una volta li jigi stabbilit il-kontenut tal-kaxxi, kien umbghad jispetta lill-imputati biex jipruvaw li d-dazju thallas.*
>
> *Il-fatt li wiehed mill-ufficjali prosekutur prezenta formalment il-master cases li allegatament kienu jikkontjenu s-sigaretti ma jfissirx li ngiebet l-ahjar prova li l-Qorti tistenna li l-prosekuzzjoni tressaq.'*

Fil-kaz odjern ma nhatarx espert tal-fotografija u sahansitra ma gew prezentati l-ebda ritratti qas tal-kaxxi minn barra. Huwa minnu wkoll illi anqas biss saret Inkjesta Magisterjali, madankollu kif provdut fl-artikolu 546(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dan m'ghandux jippreġudika l-mod ta' kif jinbdew jew jitkomplew proċedimenti kriminali. Izda, l-prosekuzzjoni qas talbet sabiex l-evidenza tigi preservata u anqas ma talbet ghan-nomina ta' espert sabiex jezamina u jipprovdi dwar x'kienu jikkontjenu l-istess kaxxi. Il-prosekuzzjoni kellha almenu tipprezenta ritratti li juru l-kaxxi miftuha biex jintwera dak li wiehed jistenna li kien hemm gewwa l-kaxxi, ossia s-sigaretti. Kif diga' gie ritenut fl-atti processwali ma hemm l-ebda ritratt esebit.

Ghaldaqstant din il-Qorti qatt ma tista'tghid illi l-prosekuzzjoni, minghajr l-ebda dubbju dettat mir-raguni ppruvat <u>x'inhu l-oggett</u> li fuqu kellu jithallas id-dazju u li dan jaqa' taht l-ewwel skeda tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tilqa' l-ewwel eccezzjoni tar-rikorrent.

Fir-rigward tat-tieni aggravju, jirrizulta li l-akkuzat iffirma tlett formoli li jinsabu fol. 41 et seq. tal-atti processwali li jgibu l-isem '*Item/s withheld by Customs Officials Pending Investigation*'. Hawnhekk il-Qorti ser terga' taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Omissis Anthony Cremona Omissis Omissis Omissis</u>** fejn intqal hekk:

> *'Din il-Qorti sejra l-ewwel tistabillixxi jekk l-ircevuta li tidher a fol 130 u mmarkata bhala Doc IA9 hijiex ammissibli tenut kont tal-fatt li ttiehdet meta Anthony Cremona kien qieghed jigi investigat u ghalhekk meta ma kellux mieghu prezenza ta' Avukat. Din l-ircevuta a fol 130 u mmarkata bhala Doc IA9 hija datata l-hdax (11) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) mahruga f'isem Anthony Cremona taht l-intestatura 'Seized in connection with investigations from: Name & Surname Anthony Cremona' b'dettalji ohra u fejn tnizzlu: '99 Cigarettes Master Cases Brand: Royal (50 Boxes x 200cigarettes Each) 4 Cigarettes Master Cases Brand:Tradition (50 Boxes x 200cigarettes Each) 2 Key of vehicle make Toyota registration no. plate HQZ083 1 Vehicle make Toyota Dyna registration no. plate HQZ083' Fl-istess ircevuta jirrizultaw il-firem ta' PS782 S.Scicluna, PC737 K. Underwood u PC878 J. Muscat kif ukoll firma fuq l-isem Anthony Cremona ID.238771M'*
>
> …

*Illi ghalkemm skont ma jirrizulta fid-dikjarazzjoni a fol 128, l-appellant Anthony Cremona kien ghazel li jikkonsulta Avukat qabel it-tehid tal-ewwel stqarrija,* ***ma jirrizultax jekk huwa kienx gie mitlub jiffirma l-ircevuta qabel ma kkonsulta l-Avukat u ghalhekk inghatax l-opportunita' li jikkonsulta dwar jekk ghandux jiffirma din l-ircevuta o meno. Nonostante dan, la darba l-ircevuta kienet tirraprezenta ezercizzju li ghalih kien prezenti Anthony Cremona u la darba l-ligi ma kinitx tiprovdi ghad-dritt li suspettat jew akkuzat ikollu prezenti Avukat minn stadju bikri tal-investigazzjonijiet inkluz ghalhekk waqt li infetah il-vann u waqt li bdew jinghaddu l-kaxxi, din il-Qorti qieghda tiddikjara din l-ircevuta a fol 130 u mmarkata bhala Doc IA9 inammissibli u mhijiex tikkunsidrahha bhala accettazzjoni tal-kontenut ta' tali kaxxi.***

L-appellant kellu d-dritt li jikkonsulta ma' Avukat jew Prokuratur Legali qabel jiffirma d-dokumenti sucitati. Infatti s-sentenza fl-ismijiet **ir-Repubblika ta' Malta vs Rio Micallef et**[17] taghat taghrif fil-qosor dwar l-istorja tad-dritt tal-assistenza tal-avukat u l-ligi Maltija:

*7. Brevement rakkontata is-sitwazzjoni qabel l-2002, fil-kwistjoni talistqarrija fil-pre-trial stage, persuna arrestata ma kellha ebda jedd ghall xi forma ta' assistenza legali sakemm iddum arrestata inkluz waqt linterrogatorju. L-Att III tal-2002 imbaghad introduca fis-sistema legali taghna forma ta' dritt ta' assistenza legali billi ta il-jedd li persuna arrestata tkun intitolata titkellem wicc imm'wicc jew bit-telefon ma'avukat jew prokuratur legali ghal mhux aktar minn siegha zmien ex artikolu 355 AT tal-Kap 9. Dan il-jedd ma dahalx fis-sistema legali taghna minghjar skossi ghaliex l-artikolu 355 AU imbaghad*

[17] Deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-3 t' April, 2019.

*holoq iddritt tal-inferenza, igifieri, li f'kaz fejn l-arrestat ikun utilizza d-dritt li jikkonsulta mal-legali tieghu, ikun naqas milli jsemmi fatti li ragonevolment ikun mistenni li jsemmi, l-Qorti, allura fi stadju wara lpre trial stage, "tista taghmel dawk l-inferenzi minn dan in-nuqqas bhala jidhru xierqa, liema inferenzi ma jistghux wahedhom jitqiesu bhala prova ta' htija izda jistghu jitqiesu bhala li jammontaw ghal korroborazzjoni ta' kull xhieda ta' htija tal-persuna akkuzata jew imputata". Dan kien ifisser illi ma tistghax issir tali inferenza f'dak il-kaz li l-persunaarrestata tghazel li ma tghamilx uzu mill-jedd ghall-assistenza legali. Mqabbla dawn il-provvedimenti mad-Direttiva numru 2013/48/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dritt ghall-assistenza legali waqt l-arrest, kien hemm lok ghal-dibattitu dwar kemm ilprovvedimenti tal-Kap 9 jirrispekkjaw d-dritt ghall-assistenza legali moghti lill-arrestat tenut kont ukoll illi dan id-dritt, kif ezistenti dakinhar taht il-ligi taghna, kien ristrett ghal siegha qabel linterrogatorju u b'hekk kien jeskludi l-jedd tal-presenza tal-avukat waqt l-istess interrogatorju. F'dak l-istadju l-arrestat kien soggett ghal mistoqsijiet diretti u suggestivi bir-risposti taghhom, anke jekk jghazel li ma jwegibx, bit-traskrizzjoni tieghu tkun eventwalment esebita filproceduri kontrih fejn ikun meqjus innocenti sakemm pruvat mod iehor. Tajjeb li jkun rilevat ukoll illi l-Att III tal-2002 ma dahalx fis-sehh qabel is-sena 2010;*

Ghaldaqstant fuq l-istess insenjament, peress illi ma jirrizultax mill-atti illi l-appellant gie nfurmat bid-drittijiet tieghu qabel iffirma, din il-Qorti qeghda tiddikjara d-dokumenti bl-isem 'Item/s withheld by Customs Officials Pending Investigation' li jinsabu foglio 41, 42 u 43 tal-atti processwali bhala inammissibli u konsegwentament ma taccettahomx bhala accettazzjoni tal-kontenut ta' tali kaxxi.

Illi fir-rigward tat-tielet u u raba' aggravji, stante li din il-Qorti qeghda tilqa' l-ewwel zewg aggravji tal-appellant qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghhom.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qeghda ghar-ragunijiet ikkunsidrati, tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti kemm fil-htija u fil-piena u konsegwentement tillibera lill-appellant Raymond Camilleri minn kull imputazzjoni u piena. Din il-Qorti, qeghda biss pero' tikkonferma l-ordni tal-konfiska tas-sigaretti/tabakk esebiti kif ukoll tas-somma fl-ammont ta' elfejn u hames mitt euro (€2,500) li tirrapprezenta u ssostitwiet il-vettura LCH 639.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Vera kopja

Nadia Ciappara
Deputat Registratur